**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 4/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**
**vs**
**Mourad Khalif**

**Illum 23 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mourad Khalif detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117818A.

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Jannar, 2020 ghall-habta tal-ghaxra nieqes kwart ta' fil-ghaxija (21:45 hrs), gewwa Triq id-Duluri, Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer Maltin:-

1. Minn gewwa Triq id-Duluri, Hamrun, ikkommetta serq ta' motor-cycle bin-numru tar-registrazzjoni ECC 756 tal-ghamla Romet Motors White City, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga l-misruqa u dan ghad-detriment ta' Clayton Gatt u/jew persuna jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 269, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamle hsara fuq motor-cycle bin-numru tar-registrazzjoni ECC 756 tal-ghamla Romet Motors White City, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn €250 u mhux aktar minn €2500, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq motor-cycle tal-ghamla Romet Motors White City bin-numru ta' registrazzjoni ECC 756 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq motor-cycle tal-ghamla Romet Motors White City bin-numru ta' registrazzjoni ECC 756 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq motor-cycle tal-ghamla Romet Motors White City bin-numru ta' registrazzjoni ECC 756 bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (2), (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq motor-cycle minghajr ma kien liebes crash-helmet, u dan bi ksur tal-Artikolu 123(2) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 3 ta' Jannar, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', rinunzja tal-jedd tad-dritt ghal parir legali, stqarrija tal-imputat datata 3 ta' Jannar, 2020, certifikat mediku rilaxxjat lil Mourad Khalif, Person details, fedina penali tal-imputat, current incident report, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2020, l-imputat irregistra ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**
Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex bzonn tehli iktar zmien f'dawn il-proceduri, kif ukoll ikkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat.

**Decide:**
Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 270, 271, 325(1)(b), 338(ee) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 123(2) tal-Ligi Sussidjarja 65.11, u wara li rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, issib lill-imputat **Mourad Khalif** hati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre, il-Qorti tiskwalifika lill-hati Mourad Khalif milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal sena (1) millum u inoltre tordna lill-hati li permezz tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, ihallas lil Clayton Gatt is-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin ewro (€2,075) sa zmien sitt (6) xhur millum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**